# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 9 ta' Lulju, 2020**

**Kawża Nru. 30**

**Rik. Nru. 1043/12JRM**

Louis **BUĦAĠIAR**

vs

**KUNSILL MEDIKU MALTI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-17 ta' Otturbu, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur jitlob li din il-Qorti (i) tissospendi, sakemm tkun għaddejja din il-kawża, l-effetti tad-deċiżjoni mogħtija mill-Kunsill imħarrek fil-konfront tiegħu fis-27 ta' Ġunju, 2012, li biha sabu ħati ta' mġiba mhux xierqa etika u professjonali, immultah u bagħat rakkomandazzjoni lill-President tar-Repubblika biex jissospendih mill-eżerċizzju tal-professjoni għal xahar; (ii) tħassar l-istess deċiżjoni billi, bl-aġir tiegħu, il-Kunsill imħarrek kiser id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12 u l-prinċipji tal-ġustizzja naturali; (iii) issib li l-attur ġarrab danni minħabba l-istess aġir tal-

Kunsill imħarrek; (iv) tillikwida d-danni hekk imġarrba u (v) tordna lill-Kunsill imħarrek iħallas id-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Ottubru, 2012[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-21 ta' Diċembru, 2012, li biha l-Kunsill imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħad ix-xiljiet miġjuba kontra tiegħu u saħaq li mexa skond is-setgħat mogħtija lilu mid-disposizzjoni ta' l-artikolu 31(1) tal-Kap. 464. Żied jgħid li tul il-proċeduri quddiemu, l-attur qatt ma ġie mċaħħad milli jressaq il-verżjoni tiegħu tal-fatti u fil-fatt ipparteċipa bis-sħiħ tul is-seduti miżmuma mill-Kunsill. Kien l-attur li ċaħad milli jwieġeb għal ittra li ntbgħatitlu fis-6 ta' Lulju, 2009, fejn huwa ġie mgħarraf bis-sottomissjonijiet ġodda illi tressqu quddiemu, liema nuqqas wassal biex infetħet inkjesta kontra tiegħu. Kien biss fit-talba tiegħu għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni li l-attur ilmenta l-ewwel darba minn nuqqasijiet kontra l-Kunsill imħarrek. Jgħid ukoll li din il-Qorti għandha setgħa biss li tistħarreġ is-siwi tal-għemil amministrattiv u mhux tqis l-ilmenti tal-attur marbuta mal-mertu tal-kwistjoni li ġiet mistħarrġa qabel ma ngħatat id-deċiżjoni attakkata, liema setgħa hija bil-liġi mħollija biss fih li jistħarreġ allegazzjonijiet ta' mġiba professjonali ħażina. Itenni li huwa għamel apprezzament tajjeb tal-każ li kellu quddiemu, magħduda x-xhieda mogħtija mill-attur, kif joħroġ ċar minn qari tad-deċiżjoni attakkata. Fl-aħħarnett, jiċħad li jaħti għal xi danni li l-attur jippretendi li ġarrab minħabba l-proċediment u jisħaq li ħares kif imiss il-prinċipji tal-ħaqq naturali, u ma mexiex b'mala fede jew b'mod mhux raġonevoli kif titlob il-liġi taħt id-disposizzjoni tal-artikolu 469A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Frar, 2013[2], li bih ċaħdet talba magħmula mill-attur f'rikors tiegħu tad-29 ta' Novembru, 2012, biex tilqa' l-ewwel talba tiegħu *pendente lite*;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Ġunju, 2013[3], li bih ordnat li jinġabu quddiemha l-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 670/12SM;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiemha mill-partijiet;

[1] Paġġ. 25 – 6 tal-proċess
[2] Paġ. 34A tal-proċess
[3] Paġ. 50 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha Talba tad-19 ta' April, 2016[4], li bih ċaħdet talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tal-11 ta' Marzu, 2016, biex il-Kunsill imħarrek iressaq lista tal-każijiet fejn hu kien reġa' fetaħ proċeduri mill-ġdid kontra l-istess persuna wara li diġà kienet ittieħdet deċiżjoni finali dwarha;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Novembru, 2016[5], li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur tal-11 ta' Jannar, 2017[6];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Kunsill imħarrek tat-2 ta' Marzu, 2017[7], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 670/12SM;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur – bħala tabib speċjalista prattikanti – jilmenta talli tressaq quddiem il-Kunsill Mediku (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Kunsill") biex iwieġeb għal xiljiet li nġabu kontra tiegħu minn terzi f'żewġ istanzi marbuta mal-istess każ, bit-tieni waħda (l-inkjesta) ssir saħansitra wara li l-Kunsill kien bagħat jgħarrfu qabel li ma kienx ser jieħu passi kontra tiegħu fuq dak il-każ. Il-Kunsill qatagħha li l-attur kien jaħti ta' ksur ta' etika professjonali. Huwa jgħid li l-konklużjoni li l-Kunsill wasal għaliha waqt l-inkjesta, hija msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u li l-Kunsill għażel li jistrieħ fuq xhieda u warrab oħrajn li kienu ta' relevanza kbira. Huwa jgħid li l-Kunsill abbuża mid-diskrezzjoni tiegħu, u li dan wassal biex ħoloqlu preġudizzju kbir. Matul is-smigħ tal-kawża, l-attur xela lill-Kunsill li ċeda għal pressjoni li saritlu minn barra biex jerġa' jiftaħ il-proċeduri kontra tiegħu. Huwa talab li din il-Qorti tħassar id-deċiżjoni tal-Kunsill u ssib li ġarrab danni minħabba fiha u tillikwidahom;

Illi għal din l-azzjoni l-Kunsill imħarrek laqa' billi ċaħad ix-xiljiet miġjuba kontrih u saħaq li mexa skond is-setgħat mogħtija lilu mid-

[4] Paġ. 576A tal-proċess
[5] Paġ. 587 tal-proċess
[6] Paġġ. 590 sa 602 tal-proċess
[7] Paġġ. 604 sa 613 tal-proċess

disposizzjoni ta' l-artikolu 31(1) tal-Kap. 464. Żied jgħid li tul il-proċeduri quddiemu, l-attur qatt ma ġie mċaħħad milli jressaq il-verżjoni tiegħu tal-fatti u fil-fatt ipparteċipa bis-sħiħ tul is-seduti miżmuma minnu. Kien l-attur li ċaħad milli jwieġeb għal ittra li ntbgħatitlu fis-6 ta' Lulju, 2009, fejn huwa ġie mgħarraf bis-sottomissjonijiet ġodda illi tressqu quddiemu, liema nuqqas wassal biex infetħet inkjesta kontra tiegħu. Kien biss fit-talba tiegħu għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni li l-attur ilmenta l-ewwel darba minn nuqqasijiet kontra l-Kunsill imħarrek. Jgħid ukoll li din il-Qorti għandha setgħa biss li tistħarreġ is-siwi tal-għemil amministrattiv u mhux tqis l-ilmenti tal-attur marbuta mal-mertu tal-kwistjoni li ġiet mistħarrġa qabel ma ngħatat id-deċiżjoni attakkata, liema setgħa hija bil-liġi mħollija biss fih li jistħarreġ allegazzjonijiet ta' mġiba professjonali ħażina. Itenni li huwa għamel apprezzament tajjeb tal-każ li kellu quddiemu, magħduda x-xhieda mogħtija mill-attur, kif joħroġ ċar minn qari tad-deċiżjoni attakkata. Fl-aħħarnett, jiċħad li jaħti għal xi danni li l-attur jippretendi li ġarrab minħabba l-proċediment u jisħaq li ħares kif imiss il-prinċipji tal-ħaqq naturali, u ma mexiex b'mala fede jew b'mod mhux raġonevoli kif titlob il-liġi taħt id-disposizzjoni tal-artikolu 469A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi bħala <u>fatti relevanti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża</u> jirriżulta li l-attur huwa konsulent mediku speċjalizzat u għal medda twila ta' żmien kellu taħt il-kura tiegħu, fost oħrajn, lil wieħed Anthony Ferrando. Ferrando miet fl-Isptar *Mater Dei* fil-5 ta' April, 2008. Fiċ-ċertifikat tal-mewt maħruġ mill-Isptar issemma li l-kawża tal-mewt kienet "*end stage liver failure. Amiodarone toxicity*"[8];

Illi f'Ġunju tas-sena 2008[9], ulied Ferrando (permezz ta' avukat imqabbad minnhom) ressqu ilment mal-Kunsill li fih xlew lill-attur b'aġir professjonali negliġenti. Huma qalu li l-attur naqas li jieħu l-passi meħtieġa biex isegwi l-effetti ("*side effects*") tal-mediċina li kien ippreskriva lil missierhom minħabba kundizzjoni f'qalbu, u li wasslet għall-mewt tiegħu. Il-Kunsill bagħat jgħarraf lill-attur[10] bl-ilment u l-attur ta l-verżjoni tiegħu[11];

Illi f'Novembru[12], il-Kunsill għarraf kemm lill-attur[13] u kif ukoll lill-avukat tal-familja Ferrando[14] li, wara li sar eżami mirqum taċ-ċirkostanzi marbuta mal-każ u qies it-tagħrif li disponibbli sa dak iż-żmien, ittieħdet id-deċiżjoni li l-Kunsill ma kienx se jqis aktar dak l-ilment;

---

[8] Ara Dok f'paġ. 114A tal-proċess
[9] Ittra tal-20 ta' Ġunju, 2008 f'paġ. 112 tal-proċess
[10] Ittra tal-5 ta' Awwissu 2008 f'paġ. 111 tal-proċess
[11] Ittra tal-10 ta' Awwissu 2008 f'paġġ. 108 – 9 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-attur f'paġ. 53 tal-proċess
[12] Dwar din id-data jidher li hemm anomalija għaliex, f'Settembru ta' dik l-istess sena, l-avukat tal-familja Ferrando bagħat jitlob lill-Kunsill jagħtih ir-raġunijiet li fuqhom il-Kunsill kien qatagħha li ma jkomplix jistħarreġ il-każ (ara d-dok f'paġ. 105 tal-proċess), ħaġa li ma kienx f'qagħda jitlobha li kieku l-ittra tassew intbagħtitlu f'Novembru.
[13] Dok "A", f'paġ. 7 tal-proċess
[14] Dok f'paġ. 107 tal-proċess

Illi f'Marzu tal-2009[15], il-Kunsill irċieva sottomissjonijet ġodda mingħand il-qraba ta' Ferrando, u f'Lulju[16] l-Kunsill bagħat jgħarraf b'dan lill-attur u talbu jwieġeb għalihom. Ma jirriżultax li din id-darba l-attur wieġeb għal din il-korrispondenza[17]. F'Settembru[18], il-Kunsill bagħat jgħarraf lill-attur li fetaħ każ kontrih. L-akkuża li l-attur kellu jwieġeb għaliha kienet dik ta' "*gross or prolonged neglect of duties and disregard of personal responsabilities to patients, to clients and to the public*". Huwa ngħata data, ħin u lok fejn kellha tissejjaħ l-ewwel seduta, kif ukoll kopja tal-proċedura[19] li kienet ser tiġi segwita. L-attur ġie mgħarraf li kellu d-dritt li jkun megħjun. L-attur għażel li jidher waħdu u jiddefendi l-każ tiegħu[20]. Il-Kunsill kien jibgħat lill-attur avviż minn qabel dwar kull smigħ li kien se jsir fl-inkjesta, u kien jibgħat javżah ukoll meta kien ikun hemm bdil fil-post fejn se jinżamm[21];

Illi jirriżulta li l-inkjesta ħadet 'il fuq minn sentejn biex ingħalqet. Matulha, tresqu għadd ta' xhieda minn kull naħa u l-attur dejjem kien preżenti għas-smigħ, mhux megħjun minn avukat. Fl-ewwel smigħ l-attur wieġeb li ma kienx ħati tal-akkużi li nġabu kontrih[22] It-trattazzjoni tal-għeluq saret fil-25 ta' Jannar, 2011[23] min-naħa tal-avukat tal-familja Ferrando, u fit-22 ta' Marzu tal-2011[24] min-naħa tal-attur, li ittratta minn rajh u saret replika mill-avukat tal-kwerelanti u kontro-replika mill-attur. Dakinhar il-każ tħalla għad-deċiżjoni;

IIlli fis-26 ta' Marzu, 2012[25], l-Kunsill bagħat jgħarraf lill-attur li kien se jżomm smigħ biex jagħti d-deċiżjoni tiegħu fil-każ fil-25 ta' April, 2012. Fid-19 ta' April, 2012[26], l-attur qabbad avukat biex jitlob li jibda jidher għalih fil-każ u talab li l-Kunsill iħallih iressaq sottomissjonijiet bil-miktub u li jieqaf milli jgħaddi biex jagħti d-deċiżjoni sakemm jitressqu l-imsemmija sottomissjonijiet. Il-Kunsill ċaħad it-talba u fil-25 ta' April, 2012[27], bagħat jgħarraf b'dan lill-imsemmi avukat u qallu wkoll li l-każ kien imħolli għas-16 ta' Mejju, 2012, għall-għoti tad-deċiżjoni;

Illi fil-15 ta' Mejju, 2012, l-attur talab il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni[28] kontra l-Kunsill sabiex iżommu milli jagħti d-deċiżjoni li kellha

[15] Ittra tat-8 ta' Marzu, 2009 f'paġġ. 102 – 3 tal-proċess
[16] Dok. "B" f'paġ. 8 tal-proċess
[17] Fil-process ma tirriżulta ebda korrispondenza tal-attur għal ittra tas-6 ta' Lulju, 2009. Il-Kunsill imħarrek fit-Tweġiba Maħlufa jgħid li l-attur ma weġibx għaliha
[18] Dok "X" f'paġġ. 40 – 1tal-proċess
[19] Regoli tal-Kunsill Mediku dwar il-Proċedura biex Jitħassru l-Ismijiet (A.L. 92/1959 kif emendat) (L.S. 458.08)
[20] Ara x-xhieda tal-attur f'paġ. 54 tal-proċess
[21] Ara, b'eżempju, ittra tas-16.12.2010 f'paġ. 95 tal-proċess
[22] Ara paġ. 116 tal-proċess
[23] Traskrizzjoni f'paġġ. 491 sa 506 tal-proċess
[24] Traskrizzjoni f'paġġ. 510 – 9 tal-proċess
[25] Dok f'paġ. 73 tal-proċess
[26] Dok f'paġ. 72 tal-proċess
[27] Dok f'paġ. 70 tal-proċess
[28] Mandat Numru 670/2012SM fl-ismijiet Dr Louis Buħaġiar vs Kunsill Mediku Malti

tingħata fis-16 ta' Mejju. B'degriet tat-13 ta' Ġunju, 2012, din il-Qorti (diversament presjeduta) u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi b'deċiżjoni (minn issa 'l hemm imsejħa "id-deċiżjoni") mogħtija fis-27 ta' Ġunju, 2012[29], il-Kunsill sab lill-attur ħati tal-akkuża li nġabu kontrih. Il-Kunsill għarraf lill-attur bid-deċiżjoni fit-12 ta' Lulju, 2012[30];

Illi fis-26 ta' Settembru, 2012[31], l-attur bagħat ittra uffiċjali lill-Kunsill fejn ilmenta minn abbuż ta' diskrezzjoni min-naħa tal-Kunsill u minn ksur tar-regoli tal-ġustizzja naturali waqt is-smigħ tal-każ tiegħu, fost oħrajn;

Illi fis-17 ta' Ottubru, 2012, infetħet din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet legali li jolqtu każ bħal dan iduru dejjem mal-kwestjoni tas-setgħa ta' din il-Qorti li tistħarreġ l-għemil amministrattiv attakkat. L-attur espressament isejjes l-azzjoni tiegħu fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn qari tal-premessi tar-Rikors Maħluf tiegħu, jidher li huwa jqis li seħħ ksur tas-sub-inċiżi (ii) u (iii) ta' dak l-artikolu;

Illi jibda biex jingħad li dawn il-Qrati għandhom ġurisdizzjoni ġenerali biex jistħarrġu l-imġiba ta' kull tribunal kważi-ġudizzjarju jew maħluq statutorjament[32]. Dan jingħad għaliex, fi stat ta' dritt, ħadd mhu meħlus mir-rabta li jimxi kif tridu il-liġi, u jekk issir xilja li dik il-persuna ma mxietx skond il-liġi, huma l-Qrati li għandhom is-setgħa li jqisu l-ilment u li jagħtu r-rimedju, jekk ikun il-kaz[33]. Għaldaqstant il-Kunsill Mediku mhux meħlus mill-istħarriġ tal-Qorti, iżda kif jgħid l-abbli avukat tal-attur, il-Qorti ma tidholx fil-mertu tad-decizjoni li tkun ħaddnet l-awtorità mistħarrġa sakemm ma tigix applikata b'mod lil hinn ('*ultra vires*') mis-setgħat mogħtija lil dik l-awtorità li tkun eżercitat l-għażla. Fi kliem l-awturi Owen Hood Phillips u Paul Jackson[34]: "*As a general principle it can be said that the courts do not concern themselves with the wisdom of a particular decision; they cannot examine the merits. They can, however, examine whether a public body has exceeded the powers given to it so that its decision is ultra vires or whether the procedure followed in reaching a decision was flawed by a failure to observe the principles of natural justice*";

Illi meta l-Qorti tintalab biex tistħarreg għemil amministrativ trid tara li dak l-għemil ikun twettaq sewwa. B'dan wieħed jifhem li (a) l-għemil

[29] Dok "Ċ", f'paġġ. 10 sa 21 tal-proċess
[30] Dok "Ċ", f'paġ. 9 tal-proċess
[31] Dok "E", f'paġġ. 22 – 4 tal-proċess
[32] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **13.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvino Borġ D'Anastasi vs Ian Decesare et noe et*** (mhix pubblikata)
[33] Ara P.A. GCD **20.3.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Fenech noe vs Victor Fiorentino*** (mhix appellata)
[34] O.Hood Phillips & P Jackson, *O.Hood Phillips' Constitutional and Administrative Law* (Sweet and Maxwell, 1987, 7th Edit.), pg. 661

ikun sar taħt jew bis-saħħa ta' ligi, (b) minn persuna jew awtorità li tkun ingħatatilha dik is-setgħa bil-ligi, u (ċ) li hi u twettaq tali setgħa dik il-persuna jew dik l-awtorità tkun inqdiet biha b'mod li ma tużahiex ħażin jew għal għanijiet mhux xierqa. Fejn it-twettiq ta' xi setgħa jġib miegħu l-użu ta' diskrezzjoni, l-ligi trid ukoll li dik id-diskrezzjoni tissejjes fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti b'ħarsien tar-regoli ta' ħaqq naturali[35];

Illi minn qari tal-att li bih fetaħ din l-azzjoni u mis-sottomissjonijiet miktuba tal-għeluq, jidher li l-attur iressaq dawn l-ilmenti li jixtieq li din il-Qorti tistħarreġ. Huwa jgħid li: (a) il-Kunsill naqas li jimxi mar-regoli u l-prinċipji tal-amministrazzjoni xierqa; (b) li l-Kunsill reġa' fetaħ każ wara li sarulu 'sottomissjonijiet ġodda', imma mhux wara li nġabu provi ġodda kontrih; (ċ) li l-Kunsill wasal għad-deċiżjoni fuq is-saħħa ta' kunsiderazzjonijiet irrilevanti u mingħajr bażi; (d) li l-Kunsill ma ħarisx il-prinċipji tal-ġustizzja naturali u (e) li l-Kunsill inqeda ħażin mid-diskrezzjoni tiegħu[36];

Illi għalkemm l-attur isemmi l-proċeduri li ttieħdu mill-Kunsill imħarrek f'Ġunju u Novembru tal-2008, din il-kawża hija mibnija fuq l-inkjesta li nfetħet kontrih f'Settembru tal-2009. L-ilment ewlieni tal-attur huwa li l-Kunsill għamel apprezzament ħażin tal-provi waqt l-inkjesta li wasslet għas-sejbien ta' ħtija bid-deċiżjoni attakkata;

Illi l-Kunsill, min-naħa l-oħra, jilqa' billi jgħid li d-deċiżjoni li tinfetaħ inkjesta hija ħaġ'oħra mill-eżerċizzju li l-Kunsill kien ħa qabel, u għaldaqstant ma kienx hemm żewġ deċizjonijiet fuq l-istess ħaġa iżda waħda li ssegwi lill-oħra. Minbarra dan, iżid jgħid li, matul l-inkjesta, l-attur ħa sehem bis-sħiħ, ressaq il-provi u għamel is-sottomissjonjiet tiegħu. Għalhekk il-Kunsill jisħaq li mexa mal-prinċipji tal-ġustizzja naturali[37];

Illi l-Qorti fliet sewwa l-atti tal-kawża u b'mod partikolari l-atti tal-inkjesta. Meta l-familja Ferrando ressqu l-ilment kontra l-attur l-ewwel darba, il-Kunsill kien bagħat javża lill-attur u ħa l-verżjoni miktuba tiegħu dwar l-ilment. Fuq is-saħħa ta' dawk l-atti preliminari, il-Kunsill kien qatagħha li ma kienx hemm għalfejn iqis il-każ aktar. Meta l-familja Ferrando talbet lill-Kunsill jistħarreġ il-każ aktar fil-fond, il-Kunsill deherlu li kien hemm elementi li dwarhom l-attur kellu jwieġeb. Minħabba f'hekk, l-attur jgħid li għadda mill-istess għarbiel wara li l-Kunsill kien diġà qatagħha li ma jsibx ħtija fih. Huwa żied jgħid li kien minħabba "pressjoni" li saret fuq il-Kunsill li l-każ tiegħu "reġa' nfetaħ" u xehed li kien ingħata tagħrif li jikkonferma s-suspett li kellu. Madankollu, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-attur naqas li jressaq

[35] P.A. JRM **26.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Henry Calleja vs Kummissarju tal-Artijiet***
[36] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 595 – 9 tal-proċess
[37] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kunsill f'paġġ. 606 – 9 tal-proċess

b'xhud lil min kien ikkonfermalu dik il-fehma u ma hemm l-ebda prova fl-atti ta' dak li jallega f'dan ir-rigward;

Illi l-Qorti ma taqbilx mal-attur lanqas li kien hemm żewġ proċessi dwar l-istess ħaġa. L-ewwel eżerċizzju mwettaq mill-Kunsill ma kienx proċediment li jfittex li jistabilixxi ħtija jew nuqqas ta' ħtija: jidher li kien biss tqabbil amministrattiv tal-ilment ta' Ferrando u l-verżjoni mibgħuta mill-attur. Ma ntweriex li kien twaqqaf il-Kunsill biex iwettaq dak l-eżerċizzju. Kien biss wara li tressaq it-tieni lment minn Ferrando li l-Kunsill kien kostitwit u tnediet l-"inkjesta" (kif inhu msejjaħ il-proċess veru u proprju meta tinħareġ akkuża kontra tabib jew prattikant mediku ieħor) li kellha tqis dwar jekk kienx hemm ħtija jew le. Mid-deċiżjoni nnifisha joħroġ ċar li, mill-ewwel ilment sal-għoti tad-deċiżjoni, dan kien proċess wieħed. Kien hemm l-"*idem*" iżda ma kienx hemm il-"*bis*". Hija ħasra li l-Kunsill deherlu li l-ilment jagħtih riferenza differenti, għaliex b'hekk ħalqu fl-attur il-fehma li kien qiegħed jgħaddi minn proċeduri differenti fuq l-istess każ;

Illi fir-rigward l-ilment prinċipali tal-attur, li fil-fehma tagħha jittratta l-mertu tad-deċizjoni li ħaddan il-Kunsill imħarrek, il-Qorti m'għandhiex wisq xi tgħid ħlief li terġa' ttenni dak li qalet qabel, jiġifieri li ma tidħolx fil-mertu tad-deċiżjoni li tkun ħaddnet awtorità sakemm fit-twettiq tal-proċess li jwassal għal dik id-dċiżjoni, l-awtorità ma timxix lil hinn mis-setgħat mogħtija lilha mil-liġi;

Illi s-setgħa li l-Kunsill jilqa' lmenti u jaġixxi fuqhom toħroġ mill-Att Dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, senjatament mill-artikolu 31 tiegħu, li bih il-Kunsill ngħata s-setgħa li jinvestiga kemm wara ilment minn xi persuna dwar imġiba ħażina professjonali, kif ukoll minn jeddu. Il-kwestjoni li tqum f'dan il-każ hija jekk il-Kunsill kellux is-setgħa jeżamina ilment u jipproċedi kontra l-attur meta, ftit xhur qabel, kien wera l-fehma li ma jressaq ebda każ kontrih;

Illi fil-fehma tal-Qorti, ma kien hemm xejn fil-liġi li jżomm lill-Kunsill milli, wara li jkun kostitwit kif imiss, jeżamina ilment kemm-il darba ma jkunux għaddew aktar minn sentejn minn meta l-kwerelant sar jaf jew messu sar jaf bil-fatti jew inċidenti li taw lok għall-ilment, u f'kull każ mhux aktar tard minn għaxar snin minn meta ġara l-inċident[38]. Il-liġi fil-fatt ma tagħrafx bejn għamla ta' ilment u ieħor: għall-kuntrarju, tqiegħed fuq ir-Reġistratur tal-Kunsill (ir-Reġistratur) l-obbligu li jressaq l-ilment lill-President tal-Kunsill u li jinnotifika l-ilment lill-prattikant konċernat u jistiednu biex jissottometti l-verżjoni tiegħu għax-xiljiet imressqa fl-ilment[39];

[38] Art. 31(2) tal-Kap. 464 tal-Liġijiet ta' Malta
[39] Reg. 4 tar-Regoli tal-Kunsill Mediku dwar il-Proċedura biex Jitħassru l-Ismijiet (L.S. 458.08)

Illi kemm-il darba l-Kunsill ma jkunx sodisfatt bl-ispjegazzjoni li jingħata mill-prattikant, ir-Registratur għandu joħroġ avviż tal-inkjesta bl-akkużi li għalihom tali prattikant ikun irid iwieġeb[40];

Illi l-Qorti għaldaqstant sejra issa tqis id-difiża li tressqet mill-Kunsill għall-aggravji tal-attur dwar it-tmexxija tal-inkjesta. Kif ġie ritenut, il-prinċipju tal-*equality of arms* jitlob, fost oħrajn, li kull parti f'kawża jkollha l-opportunità raġjonevoli li tippreżenta l-każ tagħha, inkluża l-fakoltà li tressaq xhieda, taħt kondizzjonijiet li l-ebda parti ma tkun *"at a substantial disadvantage"* fir-rigward il-parti l-oħra; li kull parti jkollha l-opportunità u ż-żmien xieraq biex tħejji u torganiżża d-difiża tagħha b'mod xieraq u mingħajr restrizzjoni; li kull parti jkollha l-opportunità li teżamina d-dokumenti, inklużi rapporti ta' periti maħtura, eżebiti fil-kawża u wkoll teżamina x-xhieda prodotti mill-parti l-ohra; u, b'mod ġenerali, li r-restrizzjonijiet imposti mil-ligi domestika ma jwasslux sabiex parti ssofri *"actual prejudice"* b'mod li d-dritt tagħha għal smigħ xieraq jinkiser[41];

Illi ngħad ukoll li t-tħaddim tal-prinċipju tal-*audi alteram partem* jinvolvi stħarriġ dwar jekk il-parti tħallietx tinstema' u tressaq il-provi tagħha, tkun megħjuna u tagħmel l-osservazzjonijiet kollha li jidhrilha, u li jiġi assikurat ukoll li d-deċiżjoni mogħtija mhux biss tkun sew motivata anke jekk bil-minimu konsentit, iżda wkoll li kopja tagħha u ta' kull dokument ieħor pertinenti jiġu provduti biex il-parti tkun f'qagħda li tiddefendi ruħha sew u ma tkunx żvantaġġjata f'kaz li tkun trid tirrikorri għal appell[42];

Illi minn eżami tad-dokumenti mressqa quddiemha, il-Qorti tasal għall-fehma li l-Kunsill mexa mal-proċedura stabbilita fil-liġi u ħarisha b'reqqa. Żgur mhux il-każ li l-attur tpoġġa fil-ġenb jew ma ngħatax widen. Mill-provi joħroġ ċar li ngħata l-jedd li jressaq ix-xhieda li għażel li jsejjaħ kif imiss, għamel dawk il-kontro-eżamijiet li għoġbu, u saħansitra ttratta l-każ bil-fomm. Tqis ukoll li kienet għażla tiegħu li ma jkunx megħjun minn Avukat, għalkemm b'daqshekk bl-ebda mod ma l-Qorti qed tiddubita mill-ħila tiegħu li jiddefendi lilu nnifsu;

Illi l-attur jgħid ukoll li l-Kunsill sejjes id-deċiżjoni b'mod mhux raġonevoli u fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti. Huwa jfisser dan meta jgħid li l-Kunsill ma tax każ tal-linja ta'difiża tiegħu u ta' xhieda mressqa minnu u qagħad fuq ix-xhieda mressqa mill-kwerelanti;

---

[40] *Ibid* reg. 5(1)

[41] App Ċiv. **30.9.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Teshome Tensae Gebremariam sive Teshome Berhane Asbu vs Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati et*** u r-referenzi għas-sentenzi hemm imsemmija

[42] Ara P.A. JŻM **30.3.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Stephen Galea vs Frans Farruġia et*** (riformata mill-Qorti tal-Appell, fuq aspett proċedurali, b'sentenza tal-**14.11.2016**)

Illi jista' jingħad li id f'id mal-kwestjoni tar-raġonevolezza ta' deċiżjoni jew għemil amministrattiv, tidħol ukoll dik tar-rilevanza tal-kunsiderazzjonijiet li jintgħamlu biex twassal għat-teħid ta' tali deċiżjoni jew għemil. Din ukoll hija waħda mill-kawżali li fuqhom l-attur isejjes il-każ tiegħu[43]. Magħhom u minħabba l-kawżali speċifika tat-tħaddim tar-raġonevolezza, jidħol tabilfors l-element tat-tħaddim tad-diskrezzjoni li l-liġi tagħni biha lill-awtorità amministrattiva pubblika li tkun ħadet dik id-deċiżjoni. B'"diskrezzjoni" wieħed jifhem dak li fid-duttrina huwa mfisser bħala "*(the) power to make a choice between alternative courses of action or inaction*"[44];

Illi l-Qorti tifhem li ladarba eżerċizzju bħal dak jimplika diskrezzjoni, dan ifisser li t-twettiq ta' dik id-diskrezzjoni, għall-finijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju, tippermetti li l-persuna mogħnija b'dik is-setgħa diskrezzjonali ma tkunx marbuta mal-elementi oġġettivi għall-formazzjoni tal-ħsieb tagħha, li huwa fdat għall-prudenza suġġettiva ta' dik il-persuna u li timplika tabilfors element soġġettiv[45]. Madankollu, dik id-diskrezzjoni trid titwettaq fil-parametri tal-liġi li tawtorizzaha, b'mod raġonevoli, b'ekwità u ħaqq[46] u mingħajr abbuż ta' dik l-istess diskrezzjoni. Huwa magħruf ukoll li t-twettiq ta' diskrezzjoni bħal dik dettat minn xi sura ta' pressjoni jew tehdid minn terza persuna inissel ċirkostanza fejn dik id-diskrezzjoni titqies li twettqet ħażin, għaliex għall-eżerċizzju tal-arbitriju ħieles u raġunat tal-persuna awtorizzata jkun daħal l-element li l-ħsieb li wassal għad-deċiżjoni kien wieħed imġiegħel;

Illi kien għalhekk li, mal-medda taż-żmien, issawru regoli li jħarsu l-imsemmija setgħat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istħarriġ tagħhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorità li hija mogħnija b'diskrezzjoni tista' tiġi ordnata teżerċitaha f'każ li tkun naqset li tagħmel dan, imma ma tistax tiġi dettata x'għandha tiddeċiedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari. Biex jiġi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jeħtieġ li lill-Qorti jirriżultalha li dik l-awtorità tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan għamlitu mingħajr l-indħil tal-ebda ħaddieħor jew bla ma poġġiet lilha nnifisha f'qagħda fejn ma setgħetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni[47]. Siewi wkoll li jiġi aċċertat jekk l-awtorità mistħarrġa għamlitx dak li kienet espressament miżmuma milli tagħmel, jew jekk għamlitx xi ħaġa li ma kinitx awtorizzata tagħmel. Fuq kollox, l-awtorità mistħarrġa trid tkun imxiet *bona fide* u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ. Dawn huma, fil-qosor, il-ġabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni u ta' eċċess jew abbuż ta' dak l-eżerċizzju;

---

[43] Art. 469A(1)(b)(iii) tal-Kap 12

[44] DeSmith, Woolfe & Jowell *Principles of Judicial Review* (5th Edit, 1995), paġ. 296

[45] App. Ċiv. **30.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.376**)

[46] App. Ċiv. **21.4.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Masini noe vs Podestà noe*** (Kollez. Vol: **XLV.i.110**)

[47] Ara App. Ċiv. **20.5.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Cremona pro et noe*** (mhix pubblikata)

Illi marbut sfiq ma' dawn il-prinċipji wieħed isib ukoll it-test tar-raġonevolezza tat-twettiq tad-diskrezzjoni. Id-dmir li awtorità taġixxi raġonevolment mhux l-istess bħad-dmir li taġixxi *bona fide*[48]. Għalhekk, filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġonevoli ta' ġudizzju huwa bilfors korrett, lanqas mhuwa bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat[49]. F'każ bħal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li għandha tuża biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-deċiżjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġonevoli;

Illi l-kittieba awtorevoli f'dan il-qasam jgħallmu li r-rwol ewlieni tal-Qrati fid-dritt amministrattiv huwa dak li jiżguraw li ma tonqosx il-legalità fl-għemil mistħarreġ, iżjed minn dak li jaraw li l-awtorità pubblika mistħarrġa tkun iddeċidiet sewwa. Hekk ukoll tfissret il-qagħda f'bosta deċiżjonijiet tal-qrati[50];

Illi huwa stabilit li biex jitqies jekk awtorità wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorità mxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel[51]. Dan ifisser li l-kejl ta' r-raġonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq[52]. B'żieda ma' dan, biex imġiba titqies abbużiva, min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta' intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema fehma wieħed jista' jasal biex juriha b'xi prova ta' mġiba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm "*rite*" u kif ukoll "*recte*", jiġifieri jrid jitwettaq skond il-proċedura stabilita u kif ukoll imħaddem b'ħaqq[53]. Dan kollu jitlob ukoll li d-diskrezzjoni titwettaq b'mod raġonevoli;

Illi f'dan ir-rigward, tajjeb li jingħad li "*A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably*"[54]. Il-kejl tar-raġonevolezza jista' jitqies bħala l-mod kif għemil amministrattiv ma jitħalliex ikun aġir arbitrarju jew kapriċċuż[55]. Iżda jekk kemm-il darba jirriżulta li d-deċiżjoni amministrattiva taqa' fil-parametri tar-raġonevolezza, imbagħad il-

---

48 Ara, per eżempju, ***R vs Roberts, ex p. Scurr*** (**1924**) 2 K.B. 695
49 Ara, per eżempju, ***R. vs W*** **(1971)** A.C. 682
50 Ara l-bosta riferenzi msemmija minn din il-Qorti (JZM) fis-sentenza tad-**9.6.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Debono et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et***
51 H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, Administrative Law (11th. Edit 2014), pġ. 295
52 App. Ċiv. **27.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et***
53 App. Inf. PS **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji***
54 *Per* Wrenbury LJ in re ***Roberts vs Hopwood*** (**1925**) AC 578, a fol. 613
55 Ara, b'eżempju, TRA GV **11.6.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Mallia vs Ministru tal-intern u Affarijiet Parlamentari et***

Qorti ta' stħarriġ ma jifdlilha l-ebda setgħa li tindaħal fuq is-siwi ta' dik id-deċiżjoni jew tiddelibera dwar jekk kenitx taqbel magħha jew jekk kinitx tiddeċiedi bħalha[56];

Illi fis-sentenza *Associated Provincial Picture Houses Ltd v Wednesbury Corporation*[57] Lord Greene MR għamel pronunzjament awtorevoli dwar il-livell ta' raġonevolezza legali li għandu jinżamm minn min jieħu d-deċiżjonijiet: "*In his oft-cited judgment, Lord Greene MR stated that a decision-maker will fall into error where they remain within the 'four corners of the matters which they ought to consider, [but] have nevertheless come to a conclusion so unreasonable that no reasonable authority could ever have come to it*'"[58];

Illi minn dik is-sentenza jistgħu jinstiltu għadd ta' prinċipji, li komplew jiġu elaborati f'sentenzi li ġew ippronunzjati warajha, fosthom li: (i) deċiżjoni tista' titqies li mhix raġonevoli f'sens ġenerali meta jkun hemm żbalji fil-proċess li bih tittieħed id-deċiżjoni. Iżda r-raġonevolezza teżisti bħala raġuni residwali tal-istħarriġ amministrattiv. Qorti tista' tħassar deċiżjoni fuq il-bażi ta' nuqqas ta' raġonevolezza wkoll meta min jieħu d-deċiżjonijiet ikun qies il-kunsiderazzjonijiet rilevanti kollha, eżerċita s-setgħat tiegħu għal għan xieraq, u mexa mal-applikant b'ġustizzja proċedurali; (ii) in-nuqqas ta' raġonevolezza skont il-liġi mhix skuża biex il-Qrati jimponu l-fehma tagħhom ta' x'inhu xieraq fuq dik ta' min jieħu d-deċiżjonijiet amministrattivi. Fi kliem Lord Greene fl-istess sentenza, '*the question is not what the court considers unreasonable, a different thing altogether*". Dan hu hekk il-każ billi "*There is a fine line between an unreasonable decision and a reasonable decision with which one disagrees. The High Court has repeatedly emphasized that legal unreasonableness is not a covert method for the judiciary to express its disapproval of an administrative decision*."[59]; (iii) in-nuqqas ta' raġonevolezza jitqies eċċezzjonali, u mhux milħuq kif ġieb u laħaq, imma fi kliem Lord Greene, '*would require something overwhelming*'. Intqal ukoll li '*unreasonableness is a conclusion which may be applied to a decision which lacks an evident and intelligible justification*'[60] u wkoll li "*two reasonable persons can perfectly reasonably come to opposite conclusions on the same set of facts without forfeiting their title to be regarded as reasonable*"[61]; u għalhekk Lord Cooke juża' t-test ta' "*whether the decision was one which a reasonable*

[56] Wade & Forsyth *op cit*, (9th Edit) pġ. 354 u 363
[57] [**1947**] EWCA Civ 1; [**1948**] 1 KB 223 (Wednesbury).
[58] Barker, Justice Michael - *"Legal unreasonableness: Life after Li"* (FCA) [2014] FedJSchol 15

[59] Leighton McDonald, '*Rethinking unreasonableness review*' (2014) 25 Public Law Review 117, 122-4
[60] (**2013**) HCA 18: (**2013**) 249 CLR 332 (Li). (High Court of Appeal tal-Awstralja)
[61] Fl-atti tal-kawża ***Re W. (an infant)*** (**1971**) AC682 at 700

*authority could reach*"[62]. Mhuwiex bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat[63];

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-Kunsill – magħmul minn taħlita ta' persuni mrawma fil-liġi u wkoll professjonisti fil-qasam mediku – qies ix-xhieda mressqa mill-partijiet u kif ukoll dik mogħtija mill-esperti *ex parte* mressqa minnhom. Dan l-eżerċizzju wettqu b'mod sistematiku u mfisser, li wieħed seta' jara għaliex id-deċiżjoni kienet dik li hi. Tista' taqbel jew ma taqbilx mal-fehma tal-Kunsill, imma għall-finijiet ta' din l-azzjoni, il-Qorti ma tara xejn li jista' jistona jew jitqies mhux raġonevoli f'dik id-deċiżjoni. Hemm ukoll motivazzjoni kongruwa li turi għaliex il-Kunsill wasal għal dik id-deċiżjoni. L-għoti ta' raġunijiet iwasslu lill-parti biex tifhem kif il-ġudikant ikun wasal għal konklużjoni skond kif indikat fis-sentenza[64]. Dan ukoll huwa l-ħarsien ta' wieħed mill-prinċipji ta' ħaqq naturali li dwaru l-attur jilminta;

Illi fl-aħħarnett, l-attur semma wkoll il-kawżali tat-teħid min-naħa tal-Kunsill ta' kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti biex wasal għad-deċiżjoni. It-teħid ta' deċiżjoni amministrattiva fuq is-saħħa ta' kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti hija waħda miċ-ċirkostanzi li l-liġi tqis li s-setgħa amministrattiva tkun tħaddmet bi ksur tal-liġi. Kif inhu mgħallem f'dan ir-rigward, l-awtoritajiet pubbliċi huma mistennija li "*they must fairly consider the application and not take into account any reason for their decision which is not a legal one. If people who have to exercise a public duty by exercising their discretion take into account matters which the courts consider not to be proper for the exercise of their discretion, then in the eye of the law they have not exercised their discretion*[65]. *The doctrine applies equally to failure to take account of some consideration which is necessarily relevant ... ..*"[66]. Din id-duttrina tħaddmet mill-Qrati f'Malta wkoll[67], u dan billi meta Qorti tkun qiegħda tistħarreġ il-kunsiderazzjonijiet meħuda f'deċiżjoni amministrattiva, dik il-Qorti trid tqis tali kunsiderazzjonijiet biex tara li l-awtorità pubblika tkun qieset il-fatturi relevanti kollha u warrbet dawk irrilevanti fit-teħid ta' tali deċiżjoni[68];

Illi jidher li l-attur isejjes parti mill-azzjoni tiegħu fuq din il-kawżali għaliex jidhirlu li l-Kunsill warrab il-verżjoni tiegħu u qagħad fuq dik ta' ħaddieħor. Dan ma jfissirx li l-Kunsill straħ fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti: ma ntweriex li dak li fuqu l-Kunsill fassal id-deċiżjoni kien mibni fuq xi liġi ħażina li ma tgħoddx għall-każ, jew li qies xi ċirkostanzi li ma kinux

---

[62] Fil-kawża fl-ismijiet ***Boddington vs British Transport Police*** (**1999**) 2 AC 143
[63] Fil-kawża fl-ismijiet ***R. vs W*** (**1971**) A.C. 682
[64] Ara App. Inf. PS **12.6.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Christopher Falzon vs Noel Gauċi***
[65] *Per* Lord Esher MR in re ***R. vs St. Pancras Vestry*** [**1890**] 24 QBD 371 at 375
[66] H W R Wade & C F Forsyth *Administrative Law* (9th Edit) paġ.380
[67] Ara, b'eżempju, Maġ. (Għ) AE **29.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Piju Attard et vs Kunsill Lokali tal-Munxar*** (mhix appellata)
[68] P.A. GV **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Attard vs Enemalta Corporation*** (mhix appellata)

ippruvati. Huwa fatt li l-Kunsill ried jagħżel bejn aktar minn teżi waħda, għaliex dwar l-istess fatti kien hemm fehmiet li ma jaqblux bejn il-partijiet. Imma l-fatt li l-Kunsill għażel li jadotta l-fehmiet ta' naħa, ma jġibuh bl-ebda mod li mexa fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti għaliex ma qagħadx fuq il-fehmiet tan-naħa l-oħra. Dak li huwa ċert minn qari tad-deċiżjoni hu li l-Kunsill qies it-teżi tal-attur imma ma laqagħhiex u ta l-fehmiet tiegħu għaliex laqa' t-teżi tal-parti l-oħra[69];

Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-attur ma seħħlux jipprova li l-Kunsill naqas li jħares il-liġi fil-mod kif mexxa l-każ tiegħu jew li nqeda ħażin bis-setgħat mogħtijin lilu. Għal dan il-għan, issib li **l-ewwel u t-tieni talbiet** attriċi ma jistħoqqilhomx jintlaqgħu;

Illi ladarba din il-Qorti ma sabetx ħtija fil-Kunsill, i**t-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet** attriċi marbuta ma' pretensjonijiet ta' danni mġarrba, mhux ser jiġu mistħarrġa. Dan jingħad ukoll lil hinn mill-fatt li l-attur ma ressaq l-ebda prova ta' x'inhu d-dannu li qed jgħid li ġarrab u wisq anqas ipprova jikkwantifikah;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-talbiet attriċi** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-eccezzjonijiet** tal-Kunsill imħarrek bħala mistħoqqa; u

**Tikkundanna** lill-attur iħallas l-**ispejjez** marbuta ma' din il-kawża.

**Moqrija.**

| | |
|---|---|
| **Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**<br>**Imħallef** | **Marisa Bugeja**<br>**Deputat Reġistratur** |
| **9 ta' Lulju, 2020** | **9 ta' Lulju, 2020** |

[69] §§ 7 – 9 tad-deċiżjoni Dok "B", f'paġġ. 17 – 20 tal-proċess